MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 484/2010

**Louis Magri (ID 331447M), Anthony Magri (ID 447548M), Emmanuel sive Noel Magri (ID 35957M) u BJM Limited gia LTNS Company Limited (C-8621)**

**vs**

**Stephen Magri (ID 409560M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-15 ta' Novembru 2010 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta' hamest elef, sitta u ghoxrin euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,026.35) rappresentanti, kwantu ghas-somma ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,374.85) sehem l-intimat mill-ispejjez inkorsi fit-tlett kawzi fl-ismijet '*Dr David Tonna vs Louis Magri noe*' [Cit Nru 88/91], '*Louis Magri noe vs Dr David Tonna et*' [Cit Nru 701/91] u '*Dr David Tonna vs Louis Magri noe'* [Cit nru 1197/91, lkoll decizi fid 27 ta' Frar 2009 kif ukoll is-somma ta' elf sitt mija u wiehed u hamsin Euro u hamsin centezmu (€1,651.50) rappresentanti sehem l-intimat ta' taxxa dovuta u gia imhallsa mill-atturi f'isem BJM Limited, gia LTNS Company Limited.

Rat ir-risposta ippresentata mill-intimat fis-26 ta' Jannar 2011 fejn, fuq bazi preliminari, eccepixxa in-nullita ta' l-avviz peress illi ma jindika ebda kawzali ghat-talba. Fil-meritu, imbghad, l-intimat sahaq illi t-talba ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt

peress illi ma ghandha ebda bazi legali filwaqt illi insista illi kien hu li kellu jiehu l-flus minghand ir-rikorrenti.

Rat illi fil-25 ta' Novembru 2011 ir-rikorrenti, ghal kull buon fini, indikaw l-kawzali ta' l-azzjoni taghhom kif ukoll esebew dokumenti in sostenn ta' l-istess.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Antoine Camilleri**, rappresentant ta' l-ufficjju legali Mamo TCV, moghtija fit 8 ta' Frar 2012, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu ippresentata.

Semghet ix-xhieda ta' **John Richards**, rappresentant tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali, moghtija fit 8 ta' Frar 2012, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu ippresentata.

Semghet ix-xhieda ta' **John Micallef**, rappresentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, moghtija fit 8 ta' Frar 2012, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu ippresentata.

Rat l-affidavit ta' **Louis Magri** flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita u ippresentata fit 23 ta' Marzu 2012.

Rat l-affidavit ta' **Anthony sive Tony Magri** flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita u ippresentata fit 23 ta' Marzu 2012.

Rat l-affidavit ta' **Emanuel sive Noel Magri** flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita u ippresentata fit 23 ta' Marzu 2012.

Rat illi fit 18 ta' Mejju 2012 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet il-kontro ezami ta' Louis Magri illi saret fit 18 ta' Mejju 2012.

Semghet il-kontro ezami ta' Emanuel sive Noel Magri illi saret fit-12 ta' Novembru 2012.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Magri** flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita u ippresentata fit-22 ta' April 2013.

Rat illi fid-29 ta' Novembru 2013, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami ta' Stephem Magri illi saret fit 23 ta' Gunju 2014.

Rat illi fit 23 ta' Gunju 2014 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat is-sottomissjoni tar-rikorrenti ippresentata fit 18 ta' Awissu 2014.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentati fil 15 ta' Dicembru 2014.

Rat illi fil-15 ta' Dicembru 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, il-partijiet kollha huma ahwa u bejniethom huma kellhom diversi kumpanniji illi kienu wirtu minghand missierhom u ommhom, fosthom il-kumpannija LTNS Company Limited issa BJM Limited, hekk imsejha originalment ghal-erbgha ahwa flimkien.

Jirrizulta illi f'mument minnhom, il-partijiet ma setghux ikomplu joperaw flimkien u ghalhekk ghaddew biex, b'mod amikevoli, jaqsmu il-varji kumpanniji u negozji illi kellhom bejniethom bil-ghan illi kull parti tkun tista topera b'mod individwalment mill-ohrajn.

Jirrizulta illi permezz ta' ftehim iffirmat fl-4 ta' Awissu 1999 quddiem in-Nutar John P Hayman, il-partijiet dahlu fi ftehim ta' cessjoni ta' drittijiet bejniethom, liema ftehim stqarr is-segwenti:

> *"... bis-sahha tal-presenti, il-partijiet jiddikjaraw li sa llum kellhom diversi negozji flimkien bejniethom gesti taht il-kumpaniji Magri and Zammit en nom collectif, Sinatra Company Limited kif ukoll taht kumpanniji ohra u f'isimhom personali u jaqblu dan li gej:-*
>
> *Illi peress li huma qieghdin process ta' qsim ta' negozju bejniethom, huma jaqblu illi din il-likwidazzjoni ghall-fini ta' accounts bejniethom ghandha tkun b'effett mill-Ewwel ta' Settembru tas-sena kurrenti (1999), u ghalhekk jaqblu illi kwalsiasi spejjez, taxxi, pizijiet u profotti relattivi ghall-istess negozji bejniethom, kif ukoll l-ispejjez tal-istess likwidazzjoni u dan sa' l-ahhar ta' Awissu 1999 ghandhom jigu ssopportati, divizi u percepiti b'mod ugwali bejniethom."*

Jirrizulta illi fis-sena 1991 gew istitwiti it-tlett kawzi imsemmija fir-rikors promotur illi fiha s-socjeta LTNS Company Limited kienet involuta u kienet tirrigwarda l-uzu tal-kelma 'Playboy' fil-hwienet illi l-istess socjeta kienet tiggestixxi gewwa l-Hamrun u il-Belt Valletta wara illi l-istess socjeta LTNS Company Limited kienet irregistrat il-kliem 'Playboy Trademark' ma' l-awtoritajiet kompetenti lokali.

Jirrizulta illi wara illi t-tlett kawzi fuq imsemmija gew decizi b'ezitu sfavorevoli ghas-socjeta LTNS Company Limited, illum BJM Limited, intlahaq ftehim mas-socjeta Playboy Enterprises International Inc fit-22 ta' April 2010 fejn id-drittijiet minnhom irregistrati lokalment gew trasferiti mis-socjeta LTNS Company Limited lis-socjeta estera Playboy Enterprises International Inc u is-socjeta' LTNS Company Limited hallset l-ispejjez tal-proceduri gia decizi filwaqt illi l-ispejjez tal-proceduri li kienu ghadhom fi stadju ta' l-appell gew sopportati minn kull parti.

Jirrizulta illi s-socjeta LTNS Company Limited, ghas-sena ta' stima 1998, kellha pendenzi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' sitt elef, sitt mija u erbgha Euros (€6,604), liema pendenzi eventwalment gew saldati fit 22 ta' Jannar 2010 meta dina s-somma thallset mit-tlett rikorrenti Louis, Anthony u Emanuel Magri, fi kwoti indaqs.

Jirrizulta illi sa l-4 ta' Awissu 1999, l-erbgha partijiet fil-kawza kienu azzjonisti fi shab indaqs fis-socjeta BJM Limited, gia LTNS Company Limited, u l-intimat kien ukoll is-Segretarju tal-istess kumpannija.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fid-difiza tieghu, ressaq tlett difizi separati, wahda preliminari kif ukoll tnejn fil-meritu.

L-ewwel u qabel kollox, fuq bazi preliminari, l-intimat sahaq illi l-azzjoni kif maghmulha kienet nulla peress illi naqset milli tindika l-kawzali sosttostanti ghat-talba tar-rikorrenti. Din il-Qorti, minghajr ma' toqghod tirrepeti l-gurisprudenza vasta indikata fis-sottomissjoni erudita tar-rikorrenti, tosserva illi tali eccezzjoni hija wahda frivola u vessatorja intiza unikament sabiex ixxekkel il-procedura tal-Gustizzja u sabiex ittellef il-hin.

Huwa car mill-ligi procedurali kif ukoll mill-gurisprudenza nostrana illi huwa sufficjenti li l-parti interpellata tifhem dak illi qieghed jintalab mir-rikorrent sabiex tali talba titqies bhala sufficjenti u accettabbli ghall-Qorti. Apparti minn hekk, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, tali regola hija aktar distesa stante illi l-proceduri quddiemha, a tenut ta' l-Artikol 215 tal-Kap 12, ghandhom jitmexxu sommarjament u bl-akbar heffa.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tirrizultax.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat jishaq illi dak miltub ma huwiex minnu dovut peress illi "*ma hemm ebda bazi legali jew fattwali li b'xi mod timplika responsabbilta' tal-esponenti ghall-hlas tas-somma miltuba.*"

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fil-ftehim illi l-partijiet ghamlu quddiem in-Nutar John Hayman fl-4 ta' Awissu 1999 (fol 92), kien hemm miftiehem, bl-aktar mod car u limpidu, illi "*kwalsiasi spejjez, taxxi, pizijiet u profitti*" relatati man-negozji taghhom sa l-ahhar ta' Awissu 1999 "*ghandhom jigu sopportati, divizi u percepiti b'mod ugwali bejniethom*".

Il-Qorti tikkontendi illi l-kliem ma setghux ikunu aktar cari minn daqshekk, u ghalhekk kwalsiasi interpretazzjoni illi l-intimat pprova jaghti tul il-provi tieghu, bl-ebda mod ma jistghu jichdu l-fatt illi huwa kien obbliga ruhu illi jippartecipa fid-djun u profitti illi n-negozji li kellhom flimkien il-partijiet relatati ma negozji li ghamlu sa l-ahhar ta' Awissu 1999.

Jirrizulta ben car illi l-pendenzi relatati mal-kumpanniija estera Playboy Enterprises International Inc kienu negozji kienu saru qabel l-ahhar ta' Awissu 1999, u kienu rizultat ta' proceduri civili illi ttiehdu fis-sena 1991, meta certament l-intimat kien parti mill-operat tal-kumpannija LTNS Company Limited, illum BJM Limited.

Jirrizulta ben car ukoll illi l-kont tat-taxxa ta' l-istess socjeta LTNS Company Limited, illum BJM Limited, kien jirrisali ghall-periodu ta' operazzjoni ta' l-istess socjeta meta l-intimat kien parti mill-operat ta' l-istess socjeta.

L-argumentazzjoni imressqa mill-intimat illi t-trasferiment eventwali ta' l-ishma wassal sabiex kwalsiasi somma dovuta tigi saldata b'tali transferiment ma jsibx konfort fid-dokumentazzjoni esebita mill-intimat u kien sta ghall-intimat jipprova li attwalment dak dovut minnu kien saldat bit-trasferiment ta' l-ishma. Dana ma jirrizulta bl-ebda mod ippruvat. Madanakollu, gie ben ippruvat illi l-intimat kien obbliga ruhu li jippartecia fit-telf jew profitti illi n-negozji u l-operat taghhom iggenera sa l-ahhar ta' Awissu 1999.

Peress illi dak mitlub jirrelata ma' negozji bejn il-partijiet esistenti sa l-ahhar ta' Awissu 1999, jirrizulta ben ippruvat illi tali eccezzjoni imqajjma mill-intimat ma tregix.

Finalment, it-tielet eccezzjoni imqajjma mill-intimat hija illi kien huwa li kellu jiehu minghand l-atturi.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm l-intimat ghamel tali allegazzjoni, huwa la ghamel kontro talba ghal dak minnu mitlub u wisq anqas ma ghamel ebda azzjoni gudizzjarja ohra sabiex jitlob dak minnu pretiz.

Apparti minn hekk, il-Qorti tosserva illi l-bazi ta' tali eccezzjoni hija assunzjonijiet illi qieghed jaghmel l-intimat u li ghalihom huwa ma ressaq ebda prova konkreta dwar dan.

Ghalhekk, dina l-ahhar eccezzjoni ma tirrizultax ippruvata lanqas.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat

**Tilqa** t-talbiet attrici kif dedotti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€5,026.35) kif ahjar deskritti fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni u ta' l-ittra ufficjali esekuttiva tal-5 ta' Novembru 2009 ikunu a kariku ta' l-intimat.

L-imghax fuq is-somma dovuta hija kalkolabbli mid-data tal-Ittra Ufficjali ezekuttiva sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------